# SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

14 ta' Ottubru 2010 *

Fil-Kawża C-428/09,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Conseil d'État (Franza), permezz ta' deċiżjoni tat-2 ta' Ottubru 2009, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fid-29 ta' Ottubru 2009, fil-proċedura

**Union syndicale Solidaires Isère**

vs

**Premier ministre,**

**Ministère du Travail, des Relations sociales, de la Famille, de la Solidarité et de la Ville,**

**Ministère de la Santé et des Sports,**

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn J.N. Cunha Rodrigues, President tal-Awla, A. Arabadjiev, A. Rosas, U. Lõhmus u A. Ó Caoimh (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: J. Mazák,
Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għall-Union syndicale Solidaires Isère, minn E. Decombard, avukat,

— għall-Gvern Franċiż, minn G. de Bergues u B. Messmer, bħala aġenti,

— għall-Gvern Ċek, minn M. Smolek, bħala aġent,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Van Hoof u M. van Beek, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

2 It-talba ġiet ppreżentata fil-kuntest ta' rikors li permezz tiegħu l-Union syndicale Solidaires Isère (iktar 'il-quddiem l-"Union syndicale") titlob lill-Conseil d'État jannulla d-Digriet Nru 2006-950, tat-28 ta' Lulju 2006, dwar ix-xogħol edukattiv, adottat għall-implementazzjoni tal-Liġi Nru 2006-586, tat-23 ta' Mejju 2006, dwar il-volontarjat assoċjattiv u x-xogħol edukattiv, sa fejn dan jinserixxi fil-Kodiċi tax-Xogħol l-Artikoli D. 773-2-1, D. 773-2-2 u D. 773-2-3, kif ukoll id-deċiżjoni impliċita li permezz tagħha il-Prim Ministru ċaħad ir-rikors tagħha ppreżentat kontra l-imsemmi digriet.

## Il-kuntest ġuridiku

*Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*

Id-Direttiva 89/391/KEE

3 Skont l-Artikolu 2(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE, tat-12 ta' Ġunju 1989, dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349), dik id-Direttiva "għandha tgħodd għas-setturi ta' attività kollha, kemm pubbliċi u kemm privati (industrijali, agrikoli, kummerċjali, amministrattivi, ta' servizz, edukattivi, kulturali, ta' serħan [ta' ħin liberu], etċ.)".

4 L-Artikolu 2(2) tal-imsemmija direttiva jipprevedi madankollu li din "ma għandhiex tgħodd fejn karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet ta' servizzi pubbliċi speċifiċi, bħall-forzi armati jew il-pulizija, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, b'mod inevitabbli jmorru kontra tagħha".

Id-Direttiva 2003/88

5 Id-Direttiva 2003/88 ħassret, b'effett mit-2 ta' Awwissu 2004, id-Direttiva tal-Kunsill 93/104/KE, tat-23 ta' Novembru 1993, dwar xi aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 197), li kkodifikat id-dispożizzjonijiet tagħha.

6 Il-ħames, is-seba', il-ħmistax u s-sittax-il premessa tad-Direttiva 2003/88 jiddikjaraw:

"(5) Il-ħaddiema kollha għandhom ikollhom perjodi adekwati ta' serħan [mistrieħ]. [...] Il-ħaddiema tal-Komunità għandhom ikunu mogħtija l-perjodi minimi ta' serħan [mistrieħ] ta' kull jum u ta' kull ġimgħa [u annwali], u waqfien adekwati. [...]

[...]

(7) Ir-riċerka uriet li l-ġisem uman huwa aktar sensittiv matul il-lejl għal disturbi ambjentali u wkoll għal ċerti tipi tqal ta' organizzazzjoni u li perjodi twal ta' xogħol matul il-lejl jistgħu ikunu ta' detriment għas-saħħa ta' ħaddiema u jistgħu jipperikolaw is-sigurtà tagħhom fil-post tax-xogħol.

[...]

(15) In vista tal-kwestjonijiet imqajma mill-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol fi ħdan impriża, jidher li huwa mixtieq li jkun hemm provvediment għal flessibbiltà fl-applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva, waqt li jassiguraw konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

(16) Huwa meħtieġ li jkun hemm provvediment li ċerti disposizzjonijiet jistgħu jkunu suġġetti għal derogi implimentati, skond iċ-ċirkostanzi, mill-Istati Membri jew miż-żewġ naħat tal-industrija. Bħala regola ġenerali, fil-każ ta' deroga, il-ħaddiema kkonċernati għandhom jingħataw perjodi kompensatorji ta' mistrieħ."

7 L-Artikolu 1 tad-Direttiva 2003/88, li jikkonċerna l-għan u l-iskop [kamp ta' applikazzjoni] tagħha jgħid is-segwenti:

"1. Din id-Direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-siġurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

2. Din id-Direttiva tapplika għal:

a) il-perjodi minimi ta' serħan [mistrieħ] ta' kull jum, serħan [mistrieħ] ta' kull ġimgħa u leave annwali, għal waqfien u ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa; u

b) ċerti aspetti tax-xogħol bil-lejl, ix-xogħol bix-shift u t-tendenzi tax-xogħol.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika għas-setturi kollha tal-attività, kemm pubblika u wkoll privata, fil-qofol tat-tifsira tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 89/391/KEE, mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 14, 17, 18 u 19 ta' din id-Direttiva.

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 2(8), din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal baħħara, kif definiti fid-Direttiva tal-Kunsill 1999/63/KE [tal-21 ta' Ġunju 1999 dwar il-Ftehim dwar l-organizzazzjoni tal-ħin ta' xogħol tal-baħħara konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Komunità Ewropea tas-Sidien tal-Bastimenti (ECSA) u l-Federazzjoni ta' l-Unjonijiet tal-Ħaddiema tat-Trasport (FST) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 363)].

[…]"

8 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88 jipprovdi għad-dritt tal-ħaddiema kollha għal perijodu minimu ta' mistrieħ ta' 11-il siegħa konsekuttivi matul kull perijodu ta' 24 siegħa.

9 L-Artikolu 17(1) sa (3) ta' din id-direttiva jipprevedu:

"1. F'dak li jirrigwardja l-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema, l-Istati Membri jistgħu jagħtu deroga mill-Artikoli 3 sa 6, 8 u 16 meta, minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività kkonċernata, it-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiema nfushom, u partikolarment fil-każ ta':

a) eżekuttivi amministraturi jew persuni oħrajn b'poteri awtonomi ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

b) ħaddiema parti mill-familja; jew

c) ħaddiema li jufficċjaw f'ċerimonji reliġjużi fi knejjes u f'komunitajiet reliġjużi.

2. Id-derogi li hemm provvediment dwarhom fil-paragrafi 3, 4 u 5 jistgħu jkunu adottati permezz ta' liġijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet amministrattivi jew permezz ta' ftehim kollettiv jew ftehim bejn iż-żewġ naħat tal-industrija, basta li l-ħaddiema kkonċernati jkunu mogħtija perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ obbligatorju jew li, f'każi eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli, għal raġunijiet oġġettivi, li

jagħtu perjodi bħal dawn ta' serħan [mistrieħ] obbligatorju, il-ħaddiema kkonċernati għandhom igawdu minn protezzjoni xierqa.

3. B'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, derogi jistgħu jsiru mill-Artikoli 3, 4, 5, 8 u 16:

[…]

b) fil-każ ta' attivitajiet ta' sigurtà u sorveljanza li jeħtieġu preżenza permanenti sabiex tkun protetta l-proprjetà u persuni, partikolarment gwardji tas-sigurtà u purtinara jew ditti tas-sigurtà;

c) fil-każ ta' attivitajiet li jinvolvu l-ħtieġa ta' servizz jew produzzjoni kontinwa, partikolarment […]

[…]"

*Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

10 L-Artikolu 1 tad-Digriet Nru 2006-950 inserixxa fil-Kodiċi tax-Xogħol l-Artikoli D. 773-2-1 sa D. 773-2-7.

11 Dawn id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tax-Xogħol issa jikkorrispondu, b'riżerva għal xi modifiki żgħar, għall-Artikoli D. 432-1 sa D. 432-9 tal-Kodiċi tal-azzjoni soċjali u tal-familji.

12 L-Artikolu D. 773-2-1 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprevedi li l-kuntratt ta' xogħol edukattiv jiġi konkluż bejn persuna fiżika u persuna fiżika jew ġuridika kif definit fl-Artikolu L. 774-2 u li t-tul ta' żmien kumulattiv tal-kuntratti konklużi mill-istess impjegat ma għandux jeċċedi 80 ġurnata f'perijodu ta' tnax-il xahar konsekuttivi.

13 L-Artikolu D. 773-2-3 tal-Kodiċi tax-Xogħol jipprevedi:

"Fi kwalunkwe każ, l-impjegat jibbenefika minn mistrieħ ta' kull ġimgħa li t-tul ta' żmien tiegħu ma jistax ikun inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi."

14 L-Artikolu L. 774-2 tal-Kodiċi tax-Xogħol, li jirreferi għalih l-Artikolu D. 773-2-1 tal-istess Kodiċi, u li issa jinsab, b'riżerva għal xi modifiki żgħar, fl-Artikoli L. 432-1 sa L. 432-4 tal-Kodiċi tal-azzjoni soċjali u tal-familji, jipprevedi:

"Il-parteċipazzjoni okkażjonali, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu, ta' persuna fiżika f'funzjonijiet ta' animazzjoni jew ta' tmexxija ta' laqa' kollettiva ta' minuri ta' natura edukattiva organizzata fl-okkażjoni ta' vaganzi tal-iskola, vaganzi tax-xogħol jew ta' divertiment […] hija kklassifikata bħala xogħol edukattiv.

[…]

Il-persuni li jkollhom kuntratt ta' xogħol edukattiv mhumiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitoli I u II tat-Titolu IV tal-Ktieb I, għal dawk tal-Kapitoli II u III tat-Titolu I tal-Ktieb II, u lanqas għal dawk tal-Kapitoli preliminari u I tat-Titolu II tal-istess Ktieb ta' dan il-Kodiċi.

[…]

It-tul ta' żmien tax-xogħol ta' persuni li jkollhom kuntratt ta' xogħol edukattiv għandu jiġi stabbilit permezz ta' ftehim jew ftehim kollettiv estiż jew, fin-nuqqas, permezz ta' digriet. In-numru ta' ġranet maħduma ma għandux jeċċedi għal kull persuna l-ammont massimu annwali ta' tmenin. Il-parti kkonċernata tibbenefika minn mistrieħ minimu ta' kull ġimgħa ta' erbgħa u għoxrin siegħa konsekuttivi. […]"

15 Il-leġiżlazzjoni Franċiża ma tipprevedix, u mhux dejjem tipprevedi, li l-membri okkażjonali u staġjonali tal-persunal ta' ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, li għandhom kuntratt ta' xogħol edukattiv, jibbenefikaw minn mistrieħ ta' kuljum ta' tul ta' żmien minimu ta' ħdax-il siegħa konsekuttivi.

## Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

16 Permezz ta' rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2007, l-Union syndicale talbet lill-Conseil d'État jannulla d-Digriet Nru 2006-950. Hija argumentat li dan id-digriet jikser id-Direttiva 2003/88 sa fejn dan jeskludi lil dawk li għandhom kuntratt ta' xogħol edukattiv li jwettqu attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu mid-dritt għal perijodu minimu ta' mistrieħ ta' kuljum mogħti lill-ħaddiema mill-Kodiċi tax-Xogħol.

17 Skont l-Union syndicale, in-nuqqas ta' tali dritt fil-leġiżlazzjoni Franċiża jmur kontra l-għanijiet tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88 u l-ammont massimu annwali ta' 80 ġurnata maħduma stabbilit mill-Kodiċi tax-Xogħol ma jistax jiġi kkunsidrat bħala protezzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 17(2) tal-istess direttiva, li tiffissa ċerti kundizzjonijiet li għandhom jissodisfaw id-derogi awtorizzati b'mod partikolari għall-imsemmi Artikolu 3.

18 Billi qies li hemm lok li tingħata risposta ċara għall-mistoqsijiet mqajma fil-kawża li tressqet quddiemu fir-rigward tal-Artikoli 1, 3 u 17 tad-Direttiva 2003/88, il-Conseil d'État iddeċieda li jissospendi l-prċeduri u li jagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-Direttiva [2003/88] tapplika għal persunal okkażjonali u staġjonali li jwettaq massimu ta' erbgħa u għoxrin il-ġurnata xogħol fis-sena f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għal din id-domanda:

a) fid-dawl tal-għan tad-Direttiva [2003/88] li huwa, skont it-termini tal-Artikolu 1(1) tagħha, li tistabbilixxi ħtiġiet minimi tas-sigurtà u s-saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, l-Artikolu 17 [tagħha] għandu jiġi kkunsidrat fis-sens li jippermetti:

— kemm, abbażi tal-Artikolu 17(1), li l-attività okkażjonali u stagjonali ta' persuni li għandhom kuntratt ta' xogħol edukattiv tinsab fost dawk li 'minħabba l-karatteristiċi speċifiċi ta' l-attività kkonċernata, it-tul tal-

ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel u/jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiema nfushom',

— kemm, abbażi tal-Artikolu 17(3)(b), li jitqiesu bħala ' attivitajiet ta' sigurtà u sorveljanza li jeħtieġu preżenza permanenti sabiex tkun protetta l-proprjetà u persuni'?

b) f'dan l-aħħar każ, il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17(2) tad-Direttiva [2003/88], f'termini ta' 'perjodu ekwivalenti ta' mistrieħ obbligatorju' jew ta' 'protezzjoni xierqa', mogħtija lill-ħaddiema kkonċernati, għandhom jinftiehmu bħala li jistgħu jiġu sodisfatti permezz ta' dispożittiv li jillimita għal erbgħa u għoxrin il-ġurnata ta' xogħol fis-sena fiċ-ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, l-attività tal-persuni li għandhom il-kuntratti inkwistjoni?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Fuq l-ewwel domanda*

19 Permezz tal-ewwel domanda, il-Qorti tar-rinviju tistaqsi jekk it-titolari ta' kuntratti bħall-kuntratti ta' xogħol edukattiv inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jwettqu attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, u li jwettqu massimu ta' 80 ġurnata xogħol fis-sena, jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88.

20 Jeħtieġ fl-ewwel lok jiġi mfakkar li din id-direttiva tistabbilixxi ħtiġiet minimi ta' sigurtà u ta' saħħa għall-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.

21 L-imsemmija direttiva tiddefinixxi l-kamp ta' applikazzjoni tagħha b'mod wiesa', peress li, kif jirriżulta mill-Artikolu 1(3) tagħha, hija tapplika għas-setturi ta' attivitajiet kollha, kemm pubbliċi u kemm privati, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/391, bl-eċċezzjoni ta' ċerti setturi speċifiċi espliċitament enumerati (ara s-senetenza tas-26 ta' Ġunju 2001, BECTU, C-173/99, Ġabra p. I-4881, punt 45).

22 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkunsidrat li jirriżulta kemm mill-għan tad-Direttiva 89/391, jiġifieri l-promozzjoni tat-titjib tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, kif ukoll mill-kliem tal-Artikolu 2(1) tagħha, li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva ta' bażi għandu jitqies wkoll b'mod wiesa' (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2004, Pfeiffer *et*, C-397/01 sa C-403/01, Ġabra p. I-8835, punt 52).

23 Fil-lista ta' attivitajiet enumerati fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 89/391, li mhijiex madankollu eżawrjenti, hemm inklużi l-attivitajiet edukattivi, kulturali u ta' serħan [ta' ħin liberu] kif ukoll, b'mod globali, l-attivitajiet ta' servizz.

24 Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 89/391, din id-direttiva ta' bażi ma għandhiex tapplika fejn karatteristiċi partikolari għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizz pubbliku, jew għal ċerti attivitajiet speċifiċi fis-servizzi tal-protezzjoni ċivili, jmorru kontra tagħha b'mod inevitabbli. Madankollu, dawn l-eċċezzjonijiet għall-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/391 għandhom jiġu interpretati b'mod restrittiv u jirreferu għal ċerti attivitajiet speċifiċi tas-servizz pubbliku intiżi

sabiex jiżguraw l-ordni pubbliku u s-sigurtà pubblika, li huma indispensabili għall-funzjonament tajjeb tal-ħajja soċjali (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2000, Simap, C-303/98, Ġabra p. I-7963, punti 35 u 36, kif ukoll Pfeiffer *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punti 52 sa 55).

25 Għandu jiġi kkonstatat li l-attività tal-persunal okkażjonali u staġjonali ta' ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu ma tistax titqies bħala parti minn tali attivitajiet.

26 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi konkluż li l-attività tal-imsemmi persunal jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 89/391 u f'dak tad-Direttiva 2003/88, peress li l-eċċezzjoni għall-kamp ta' applikazzjoni stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(3) ta' din l-aħħar direttiva ma tapplikax ħlief għall-baħħara.

27 Jeħtieġ ukoll jiġi mfakkar li, għalkemm il-kunċett ta' "ħaddiem" huwa ddefinit fl-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 89/391 bħala li jirreferi għal kwalunkwe persuna impjegata minn min iħaddem, inklużi dawk li jkunu għaddejjin minn taħriġ u apprentisti iżda li jeskludi sefturi fid-djar, id-Direttiva 2003/88 ma għamlet l-ebda riferiment għal din id-dispożizzjoni tad-Direttiva 89/391 u lanqas għad-definizzjoni tal-kunċett ta' ħaddiem kif tirriżulta mil-leġiżlazzjonijiet u/jew mill-prattika nazzjonali.

28 Jirriżulta minn din l-aħħar konstatazzjoni li, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88, dan il-kunċett ma għandux ikun issuġġettat għal interpretazzjoni li tvarja skont id-dritt nazzjonali, iżda għandu portata awtonoma speċifika fid-dritt tal-Unjoni. Huwa għandu jiġi ddefinit skont kriterji oġġettivi li jikkaratterizzaw ir-relazzjoni ta' impjieg b'kunsiderazzjoni għad-drittijiet u għad-dmirijiet tal-persuni kkonċernati. Issa, il-karatteristika essenzjali tar-relazzjoni ta' impjieg hija, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li għal ċertu perijodu, persuna twettaq favur persuna oħra u taħt l-istruzzjonijiet tagħha, servizzi inkambju għal

remunerazzjoni (ara b'analoġija, fir-rigward tal-Artikolu 39 KE, is-sentenzi tat-3 ta' Lulju 1986, Lawrie-Blum, 66/85, Ġabra p. 2121, punt 16 u 17, kif ukoll tat-23 ta' Marzu 2004, Collins, C-138/02, Ġabra p. I-2703, punt 26).

29 Fil-kuntest tal-klassifikazzjoni fir-rigward tal-kunċett ta' ħaddiem, li huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali, din tal-aħħar għandha tibbaża ruħha fuq kriterji oġġettivi u tevalwa b'mod globali ċ-ċirkustanzi kollha tal-kawża li tinsab quddiemha, relatati kemm mal-attivitajiet ikkonċernati kif ukoll mar-relazzjoni bejn il-partijiet inkwistjoni.

30 Anki jekk, skont id-deċiżjoni tar-rinviju, dawk li għandhom kuntratt ta' xogħol edukattiv mhumiex suġġetti għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tax-Xogħol, għandu jiġi mfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li n-natura ġuridika *sui generis* ta' relazzjoni ta' impjieg fid-dritt nazzjonali ma jista' jkollha ebda effett fuq l-istatus ta' ħaddiem fis-sens tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2007, Kiiski, C-116/06, Ġabra p. I-7643, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

31 Fir-rigward ta' ħaddiema b'kuntratt għal żmien fiss, bħal dawk li għandhom kuntratt fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, fil-kuntest tad-Direttiva 93/104, li din tal-aħħar ma tagħmel l-ebda distinzjoni bejn il-ħaddiema li għandhom tali kuntratt u dawk li għandhom kuntratt għal żmien indeterminat, b'mod partikolari għal dak li jirrigwarda d-dispożizzjonijiet relattivi għal perijodi minimi ta' mistrieħ, li fil-biċċa l-kbira jirreferu għall-"ħaddiema kollha" (ara f'dan is-sens is-sentenza BECTU, iċċitata iktar 'il fuq, punt 46). Dan it-tagħlim jgħodd bl-istess mod għad-Direttiva 2003/88, u b'mod partikolari għall-Artikolu 3 dwar il-mistrieħ ta' kuljum.

32 Mill-informazzjoni pprovduta mill-qorti tar-rinviju, jidher li persuni bħal dawk li huma membri tal-persunal okkażjonali u staġjonali li għandhom kuntratt inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jwettqu massimu ta' 80 ġurnata xogħol fis-sena f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, jidħlu fil-kuntest tal-kunċett ta' ħaddiema kif definiti fil-punt 28 ta' din is-sentenza.

33 Fid-dawl ta' dak li ntqal, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda magħmula hija li t-titolari ta' kuntratti bħall-kuntratti ta' xogħol edukattiv inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jeżerċitaw attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, u li jwettqu massimu ta' 80 ġurnata xogħol fis-sena, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88.

*Fuq it-tieni domanda*

34 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li fiha żewġ partijiet, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk ħaddiema bħal dawk li għandhom kuntratt ta' xogħol edukattiv, li jeżerċitaw attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, jaqgħux taħt id-deroga stabbilita fl-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2003/88 jew taħt dik prevista fl-Artikolu 17(3)(b). Fil-każ li l-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 2003/88 huwa applikabbli, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-attività ta' tali ħaddiema għal 80 ġurnata xogħol fis-sena, tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17(2), li jeżiġu li l-ħaddiema kkonċernati għandhom jingħataw perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju jew, f'każijiet eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi, li dawn jingħataw protezzjoni xierqa.

35 F'dan il-kuntest, jeħtieġ fl-ewwel lok jiġi mfakkar li skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88, l-Istati membri huma obbligati jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex il-ħaddiema kollha jibbenefikaw minn perijodu minimu ta' mistrieħ ta' 11-il siegħa konsekuttivi matul kull perijodu ta' 24 siegħa.

36 Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, fid-dawl kemm tal-kliem tad-Direttiva kif ukoll tal-għan u l-iskema tagħha, ir-rekwiżiti differenti li hija tipprovdi dwar il-ħin minimu ta' mistrieħ, bħal dak fl-Artikolu 3, jikkostitwixxu regoli tad-dritt soċjali tal-Unjoni ta' importanza partikolari li minnhom għandu jibbenefika kull ħaddiem bħala rekwiżit minimu neċessarju sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tiegħu (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi BECTU, iċċitata iktar 'il fuq, punti 43 u 47, kif ukoll tas-7 ta' Settembru 2006, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, C-484/04, Ġabra p. I-7471, punt 38).

37 Fid-dawl tal-għan essenzjali tad-Direttiva 2003/88, li huwa li jiġu protetti b'mod effettiv is-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema, kull wieħed minnhom għandu b'mod partikolari jibbenefika minn perijodi ta' mistrieħ adegwati, li mhux biss għandhom ikunu effettivi, billi jippermettu lill-persuni kkonċernati jirkupraw mill-għejja li tirriżulta mix-xogħol tagħhom, iżda wkoll ikunu ta' natura preventiva sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju li jiġu affettwati s-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema li jista' jġib miegħu l-akkumulu ta' perijodi ta' xogħol mingħajr il-mistrieħ neċessarju (sentenzi tad-9 ta' Settembru 2003, Jaeger, C-151/02, Ġabra p. I-8389, punt 92, u Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit, iċċitata iktar 'il fuq, punt 41).

38 Jirriżulta minn dak li ntqal li, bħala prinċipju, hija inkompatibbli mad-Direttiva 2003/88 leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali li, filwaqt li tillimita l-attività mwettqa fil-kuntest ta' kuntratti ta' xogħol edukattiv għal 80 ġurnata fis-sena, ma tipprevedix li l-membri tal-persunal okkażjonali u staġġjonali ta' ċentri ta'

vakanzi u ta' ħin liberu li għandhom tali kuntratt, jibbenefikaw minn mistrieħ minimu ta' kuljum mitlub mill-Artikolu 3 ta' din id-direttiva.

39 Is-sitwazzjoni tkun differenti biss jekk tali leġiżlazzjoni tipprevedi possibbiltajiet ta' deroga prevista mid-Direttiva 2003/88, b'mod partikolari mill-Artikolu 17 tagħha.

40 Bħala eċċezzjonijiet għas-sistema tal-Unjoni fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol previsti fid-Direttiva 2003/88, l-imsemmija derogi għandhom jingħataw interpretazzjoni li tillimita l-portata tagħhom għal dak li huwa strettament neċessarju sabiex jiġu ssalvagwardjati l-interessi li dawn id-derogi jippermettu li jiġu protetti (ara s-sentenza Jaeger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 89).

41 Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-deroga mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88 stabbilita fl-Artikolu 17(1) tagħha, din id-deroga tapplika għal ħaddiema li minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-attività eżerċitata, it-tul tal-ħin tax-xogħol ma jkunx imkejjel jew predeterminat jew jista' jkun determinat mill-ħaddiema nfushom.

42 Kif isostnu l-Union syndicale u l-Kummissjoni Ewropea, l-ebda element tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja ma jindika li l-ħaddiema impjegati f'ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu fil-kuntest ta' kuntratt ta' xogħol edukattiv għandhom il-possibbiltà li jiddeċiedu dwar in-numru ta' sigħat ta' xogħol li huma jwettqu. Id-deskrizzjoni mogħtija mill-Gvern Franċiż tal-attivitajiet ta' dawn il-ħaddiema u tal-funzjonament tal-imsemmija ċentri, li l-korrettezza tagħha għandha tiġi vverifikata mill-qorti tar-rinviju, jidher li turi l-kuntrarju. Il-proċess ppreżentat lill-Qorti

tal-Ġustizzja lanqas ma fih elementi li jindikaw li l-imsemmija ħaddiema mhumiex obbligati li jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol tagħhom skont skeda fissa ta' ħinijiet.

43 Jeħtieġ għalhekk jiġi kkonstatat li, fid-dawl tal-informazzjoni pprovduta lill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 17(1) tad-Direttiva 2003/88 jipprevedi attivitajiet li ma għandhom x'jaqsmu xejn ma' attivitajiet bħal dawk imwettqa minn titolari ta' kuntratti ta' xogħol edukattiv f'ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu.

44 Fit-tieni lok, għal dak li jirrigwarda d-deroga stabbilita fl-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 2003/88, din id-dispożizzjoni tipprevedi li, skont l-Artikolu 17(2), tista' ssir deroga mill-Artikolu 3 ta' din id-Direttiva "fil-każ ta' attivitajiet ta' sigurtà u sorveljanza li jeħtieġu preżenza permanenti sabiex tkun protetta l-proprjetà u persuni, partikolarment gwardji tas-sigurtà u purtinara jew ditti tas-sigurtà".

45 Jekk huwa veru, kif jargumentaw l-Union syndicale u l-Gvern Ċek, li l-membri tal-persunal ta' ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu jeżerċitaw attivitajiet intiżi sabiex jedukaw u janimaw minuri mlaqqgħin fl-imsemmija ċentri, xorta jibqa' l-fatt, kif ikkonstatat mill-Gvern Franċiż, li huwa l-kompitu wkoll ta' dan il-persunal li jiżgura sorveljanza permanenti tal-imsemmija minuri. Dawn tal-aħħar, peress li ma jkunux akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom, huma suġġetti, bil-ħsieb li tiġi żgurata s-sigurtà tagħhom, għal sorveljanza kostanti mill-persunal li jaħdem f'dawn iċ-ċentri. Barra minn dan, kif jargumenta l-Gvern Franċiż, il-kontribuzzjoni edukattiva ta' dawn iċ-ċentri tinsab ukoll, jekk mhux prinċipalment, fil-mod speċifiku u oriġinali ta' kif dan jiffunzjona fejn il-minuri milqugħa jgħixu għal diversi ġranet b'mod kontinwu mal-animaturi u mad-diretturi tagħhom.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, jeħtieġ jiġi kkonstatat li l-attivitajiet ta' ħaddiema bħat-titolari ta' kuntratti ta' xogħol edukattiv, li jaħdmu f'ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu, jistgħu jaqgħu taħt id-deroga prevista fl-Artikolu 17(3)(b) tad-Direttiva 2003/88, peress li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17(2) huma sodisfatti.

47 Barra minn dan, kif targumenta l-Kummissjoni, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-attivitajiet u tal-funzjonament taċ-ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu, dawn l-attivitajiet jistgħu eventwalment jaqgħu wkoll taħt id-deroga mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88 prevista fl-Artikolu 17(3)(c) ta' din tal-aħħar, dwar attivitajiet li jinvolvu l-ħtieġa ta' servizz jew produzzjoni kontinwa.

48 Ċertament, l-attivitajiet tal-persunal okkażjonali u staġjonali ta' ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu mhumiex elenkati fil-lista li tinsab f'din id-dispożizzjoni. Madankollu, jeħtieġ li jiġi rilevat, minn naħa waħda, li din mhijex lista eżawrjenti u, min-naħa l-oħra li, kif jirriżulta wkoll mill-punt 45 ta' din is-sentenza, l-imsemmija attivitajiet jinvolvu wkoll l-ħtieġa ta' servizz kontinwu, peress li l-minuri milqugħa f'dawn iċ-ċentri jgħixu, tul is-soġġorn kollu tagħhom, b'mod koninwu ma' u taħt l-osservanza tal-persunal ta' dawn iċ-ċentri.

49 B'dan premess, skont l-istess Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88, l-implementazzjoni tad-derogi stabbiliti fl-Artikolu 17(3)(b) u (c), b'mod partikolari fir-rigward tat-tul ta' żmien tal-mistrieħ ta' kuljum previst fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva, hija espressament subordinata għall-kundizzjoni li l-ħaddiema kkonċernati għandhom jingħataw

perjodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju jew li, f'każijiet eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi, li dawn jingħataw protezzjoni xierqa.

50 Jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li l-"perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kompensatorju" fis-sens tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88 għandhom, sabiex ikunu f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet kif ukoll mal-għan ta' din id-direttiva kif speċifikat fil-punt 37 ta' din is-sentenza, ikunu kkaratterizzati mill-fatt li, matul dawn il-perijodi, il-ħaddiem ma jkun suġġett għal ebda obbligu lejn min iħaddmu li jista' jwaqqfu milli b'mod liberu u mingħajr interruzzjonijiet jaqdi l-interessi tiegħu sabiex jinnewtralizza l-effetti tax-xogħol fuq is-sigurtà u s-saħħa tiegħu. Għaldaqstant, dawn il-perijodi ta' mistrieħ għandhom isegwu b'mod immedjat il-ħin tax-xogħol li għalih huma intiżi li jikkumpensaw, bl-għan li jiġi evitat li l-ħaddiem jesperjenza stat ta' għejja jew ta' xogħol eċċessiv minħabba l-akkumulazzjoni tal-perijodi konsekuttivi ta' xogħol (ara s-sentenza Jaeger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 94).

51 Sabiex tkun żgurata protezzjoni effettiva tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiem, għandu, bħala regola ġenerali, ikun previst li perijodu ta' xogħol jalterna b'mod regolari ma' perijodu ta' mistrieħ. Fil-fatt, sabiex ikun jista' jistrieħ b'mod effettiv, il-ħaddiem għandu jibbenefika mill-possibbiltà li jitlaq mill-ambjent tax-xogħol tiegħu għal numru speċifiku ta' sigħat li mhux biss għandhom ikunu konsekuttivi iżda għandhom ukoll isegwu direttament perijodu ta' xogħol, sabiex jippermettulu jirrilassa u jelimina l-għejja kkaġunata mit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. Dan ir-rekwiżit huwa iktar u iktar neċessarju meta, b'eċċezzjoni għar-regola ġenerali, il-ħin normali tax-xogħol ta' kuljum ikun estiż bit-twettiq ta' xogħol ta' għassa. (ara s-sentenza Jaeger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 95).

52 F'dawn il-kundizzjonijiet, dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali bħal dik inkwistjoni f'dan il-każ, li tipprevedi li t-tul ta' żmien akkumulat ta' kuntratti bħall-kuntratti ta' xogħol edukattiv konklużi mill-istess persuna ma jistax jeċċedi 80 ġurnata f'perijodu

ta' tnax-il xahar konsekuttivi, ma tissodisfax l-obbligu impost fuq l-Istati Membri u, skont il-każ, fuq l-imsieħba soċjali, sabiex jiżguraw li jingħataw il-perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju rikjesti mill-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88.

53 Fil-fatt, kif jargumentaw l-Union syndicale u l-Gvern Ċek, fid-dawl tal-għan tal-protezzjoni li d-Direttiva 2003/88 tipprova tilħaq, in-numru massimu ta' ġranet tax-xogħol fis-sena mhuwiex rilevanti f'dak li jirrigwarda l-imsemmija perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju.

54 Il-Gvern Franċiż isostni madankollu li n-natura eċċezzjonali tal-attivitajiet tal-persunal ta' ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu ma tippermettix l-għoti ta' perijodi ta' mistrieħ kumpensatorju. Fil-fatt, il-persuni milqugħa f'dawn iċ-ċentri huma minuri li jqattaw diversi ġranet li matulhom huma jkunu taħt is-sorveljanza, kemm filgħodu kif ukoll waqt il-lejl, tal-istess persunal. L-għoti ta' mistrieħ kumpensatorju, kif definit mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 94 tas-sentenza Jaeger, iċċitata iktar 'il fuq, lill-membri tal-persunal okkażjonali u staġjonali tal-imsemmija ċentri, jimplika li dawn jieħdu l-mistrieħ tagħhom waqt is-soġġorn tal-minuri li jkunu qegħdin jissorveljaw u jkollu bħala konsegwenza li dawn tal-aħħar ikunu nieqsa b'mod temporanju, inkluż matul il-lejl, mill-preżenza tal-animaturi tagħhom, li jkunu madakollu, fin-nuqqas tal-ġenituri tagħhom, l-adulti li jafuhom l-iktar u li fihom huma għandhom fiduċja. Ġaladarba jeżistu raġunijiet oġġettivi li jipprekludu l-għoti ta' perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju, l-impożizzjoni ta' ammont massimu ta' ġranet li jistgħu jinħadmu mit-titolari ta' kuntratti ta' xogħol edukattiv tikkorrispondi għal protezzjoni xierqa tal-ħaddiema kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88.

55 Jeħtieġ, fir-rigward ta' din l-argumentazzjoni, li jiġi mfakkar li, kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88, huwa biss f'ċirkustanzi totalment

eċċezzjonali li din id-dispożizzjoni tippermetti li tista' tingħata "protezzjoni xierqa oħra" lill-ħaddiema, peress li l-għoti ta' perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi (ara b'analoġija, s-sentenza Jaeger, iċċitata iktar 'il fuq, punt 98).

56 Id-deċiżjoni tar-rinviju fiha ftit informazzjoni konkreta dwar l-iżvolġiment tal-attivitajiet tal-persunal ta' ċentri ta' vaganzi u ta' ħin liberu, dawr il-mod kif dawn l-attivitajiet huma pprogrammati u dwar il-bżonnijiet tal-persunal tal-imsemmija ċentri.

57 Ċertament ma jistax jiġi eskluż, fid-dawl tad-deskrizzjoni tal-imsemmija attivitajiet u tar-responsabbiltajiet tal-persunal taċ-ċentri kkonċernati fir-rigward tal-minuri hemm milqugħa, li, eċċezzjonalment, għal raġunijiet oġġettivi, ma jkunx possibbli li jiġi żgurat li l-perijodu ta' xogħol jalterna b'mod regolari mal-perijodu ta' mistrieħ kif rikjest mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88, b'mod konformi mas-sentenza Jaeger, iċċitata iktar 'il fuq.

58 Xorta jibqa' l-fatt, madankollu, li l-impożizzjoni ta' ammont massimu annwali fir-rigward tal-ġranet maħduma bħal dak previst mil-leġiżlazzjoni Franċiża inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tistax, fi kwalunkwe każ, tiġi kkunsidrata li hija protezzjoni xierqa fis-sens tal-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88. Fil-fatt, kif jirriżulta mill-ħmistax-il premessa ta' din id-direttiva, jekk l-Istati membri jingħataw ċerta flessibbiltà fl-applikazzjoni ta' ċerti disposizzjonijiet tal-imsemmija direttiva, dawn għandhom madankollu jiżguraw konformità mal-prinċipji tal-protezzjoni tas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema.

59 Għaldaqstant, għalkemm l-Artikolu 17(2) tad-Direttiva 2003/88 għandu jiġi interpretat bħala li jagħti ċertu marġni ta' diskrezzjoni lill-Istati Membri u, skont il-każ, lill-imsieħba soċjali għall-istabbiliment, f'każijiet eċċezzjonali, ta' protezzjoni xierqa lill-ħaddiema kkonċernati, xorta jibqa' l-fatt li din il-protezzjoni, li tikkonċerna

s-sigurtà u s-saħħa ta' dawn il-ħaddiema, hija intiża wkoll, bl-istess mod bħal perijodu minimu ta' mistrieħ ta' kuljum previst fl-Artikolu 3 ta' din id-direttiva jew bħal perijodu ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju previst fl-Artikolu 17(2), li tippermetti lill-ħaddiema kkonċernati jirrilassaw u jeliminaw l-għejja kkaġunata mit-twettiq tad-dmirijiet tagħhom.

60 Għalkemm in-natura partikolari tax-xogħol jew il-kuntest partikolari li fih isir dan ix-xogħol jippermetti, b'mod eċċezzjonali, li ssir deroga mill-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/88 u mill-obbligu li l-perijodu ta' xogħol jalterna b'mod regolari mal-perijodu ta' mistrieħ, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix lill-ħaddiema li jibbenefikaw mid-dritt għal mistrieħ ta' kuljum matul iż-żmien kollu tal-kuntratt ta' xogħol tagħhom, anki jekk dan ikun jirrigwarda kuntratt ta' tul ta' żmien massimu ta' 80 ġurnata fis-sena, mhux biss tirrendi mingħajr effett dritt individwali mogħti espressament minn din id-direttiva, iżda wkoll tmur kontra l-għan ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, is-sentenza BECTU, iċċitata iktar 'il fuq, punt 48).

61 Fid-dawl ta' dak li intqal, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda magħmula hija li t-titolari ta' kuntratti bħall-kuntratti ta' xogħol edukattiv inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jwettqu attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, jaqgħu taħt id-deroga stabbilita fl-Artikolu 17(3)(b) u/jew (c) tad-Direttiva 2003/88.

62 Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-attività tat-titolari ta' tali kuntratti għal 80 ġurnata xogħol fis-sena, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 17(2) ta' din id-direttiva għall-applikazzjoni tal-imsemmija deroga, li jeżiġu li l-ħaddiema kkonċernati jingħataw perijodi ekwivalenti ta' mistrieħ kumpensatorju jew, f'każijiet eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi, li dawn jingħataw protezzjoni xierqa.

**Fuq l-ispejjeż**

63 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **It-titolari ta' kuntratti bħall-kuntratti ta' xogħol edukattiv inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jeżerċitaw attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu, u li jwettqu massimu ta' 80 ġurnata xogħol fis-sena, jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/88 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol.**

2) **It-titolari ta' kuntratti bħall-kuntratti ta' xogħol edukattiv inkwistjoni fil-kawża priniċipali, li jwettqu attivitajiet okkażjonali u staġjonali f'ċentri ta' vakanzi u ta' ħin liberu jaqgħu taħt id-deroga stabbilita fl-Artikolu 17(3)(b) u/jew (c) tad-Direttiva 2003/88.**

**Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-attività tat-titolari ta' tali kuntratti għal 80 ġurnata xogħol fis-sena, ma tissodisfax il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Artikolu 17(2) ta' din id-direttiva għall-applikazzjoni tal-imsemmija deroga, li jeżiġu li l-ħaddiema kkonċernati jingħataw perijodi ekwivalenti**

**ta' mistrieħ kumpensatorju jew, f'każijiet eċċezzjonali li fihom dan ma jkunx possibbli għal raġunijiet oġġettivi, li dawn jingħataw protezzjoni xierqa.**

Firem